# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 611/2007/1 JPG**

**Carmelo Farrugia**

**v.**

**Martin Chetcuti**

1. Din is-sentenza tittratta dwar l-appell tal-attur Carmelo Farrugia minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' Mejju 2015 li ċaħdet it-talbiet tiegħu għall-ħlas ta' danni.

2. Quddiem l-ewwel Qorti:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fl-1 ta' Ġunju 2007, l-attur ippremetta illi huwa xufier ta' xarabank.Igħid li huwa kien xtara xarabank tal-marka *King Long* bin-numru ta-reġistrazzjoni EBY 507 li żviluppat ħsarat fil-*gearbox* f'Mejju tal-2006 u għalhekk ma setax ikompli jagħmel użu minnha. L-importatriċi tal-vettura qaltlu sabiex jinkariga lill-intimat Martin Chetcuti, mekkanik, sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji u hekk għamel. Kompla jgħid li l-ftehim bejn il-partijiet jinsab f'żewġ skritturi privati li saru min-Nutar Dottor Mario Bugeja, tal-5 ta' Ġunju 2006 (**Dok CF1**) u 4 ta' Settembru 2006 (**Dok CF2**). Jilmenta iżda li l-konvenut naqas milli jonora l-obbligi tiegħu u minflok beda jagħmel talbiet għal ħlas ta' kontijiet li kienu saldati in preċedenza u jxerred xnigħat foloz fil-konfront tiegħu. Jikkontendi li b'riżultat tal-inadempjenza, aġir illegali u abbużiv tal-konvenut, huwa sofra danni, inkluż iżda mhux biss dawk li jirrigwardaw nuqqas ta' qligħ u spejjeż oħra li kellu jinkorri inkluż li jixtri *gearbox* ġdida biex jimmitiga kemm jista' jkun id-danni sofferti bl-aġir tal-konvenut. Talab għalhekk lill-Qorti sabiex:-

> *"1. Tiddeċiedi u tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent;*
>
> *"2. Tillikwida anke okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrent;*
>
> *"3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas d-danni hekk likwidati lir-rikorrent kif ukoll tikkundanna lill-konvenut iħallas lura s-sommom ta' flus kollha mħallsa lilu fir-rigward tat-tiswija tal-gearbox mertu ta' dawn il-proċeduri;*

*“4. Tikkundanna lill-konvenut jħallas l-ispejjeż tal-preżenti kawża, inkluż dawk tal-ittra legali tal-għaxra (10) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006), l-ittra legali tas-sebgħa (7) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006), l-ittra legali tat-tnax (12) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), l-ittra uffiċjali tad-dsatax ta’ Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kif ukoll dawk tal-mandat ta’ qbid u mandat ta’ sekwestru li qiegħdin jiġu ntavolati kontestwalment mal-preżentata ta’ din il-kawża.*

*“U dana taħt dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.”*

2.2. Il-konvenut bil-ġurament wieġeb:[1]

*‘1. Illi l-esponenti mhu responsabbli għall-ebda danni stante illi l-ħsarat ġew ikkaġunati mill-aġir abbużiv u negliġenti da parte tar-rikorrenti u minħabba l-fatt li l-istess rikorrenti qiegħed jirrifjuta li jħallas lis-soċjetà barranija fejn intbagħat il-gear box sabiex tissewwa tat-tiswijiet liema kont jammonta globalment għall-ammont ta’ circa elfejn u ħames mitt Lira Maltin (LM2,500);*

*2. Illi se mai u mingħajr preġudizzju d-danni li jistgħu jiġu likwidati tenut kont tal-prinċipju li r-rikorrenti hwua obbligat li jnaqqas id-danni l-ammont li seta’ jitlob huwa l-ammont ta’ LM2,500 u għalhekk dawn kienu d-danni li jista’ jitlob u d-danni ulterjuri mitluba huma frivoli u vessatorji u mmirati sabiex ir-rikorrenti jipprova jakkwista xi flus li mhumiex dovuti.*

*3. Illi jekk illum stess r-rikorrenti jħallas dan l-ammont ta’ ċirca elfejn u ħames mitt Lira Maltin (LM2.500) jista’ jibda jaħdem regolarment u l-istess rikorrenti seta faċilment jikkontattja lid-ditta barranija għax kien jaf id-dettalji kollha tagħhom u kien jiġi nfurmat b’dak li infurmah l-istess esponenti.’*

2.3. Il-partijiet ressqu l-provi u n-noti ta’ osservazzjonijiet tagħhom;

[1] Fol. 54.

2.4. Fit-28 ta' Frar 2014 il-perit legali ippreżenta r-relazzjoni. L-istess perit legali wieġeb għad-domandi in eskussjoni fit-3 ta' Diċembru 2014.[2]

2.5. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-21 ta' Mejju 2015, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet illi:

> *"l-attur ma rnexxilu jipprova bl-ebda mod xi ness kawzali bejn l-eghmil ta' l-intimat u l-hsara minnu allegati, anzi ghal kuntrarju, hareg car daqs il-kristall, illi kien l-istess attur, bl-ghemil u l-ghazliet tieghu stess, li ta lok ghal u kkaguna d-danni li garrab, wara illi accetta volontarjament illi isewwi l-magna tat-trakk tieghu ghand persuna mhux awtorizzata taht it-termini tal-garanzija (abbazi tal-principju volenti nin fit injuria), u wara li naqas ulterjorment milli jottempera ruhu ma' l-obbligi minnu assunti fl-iskrittura privata biex ghal-lanqas, jigu minimizzati kwalunkwe danni li seta' jsofri minhabba xi dewmien.*
>
> *Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad t-talbiet tar-rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.'*

3. L-attur appella mis-sentenza u ilmenta li l-ewwel Qorti:-

i. laqgħet fl-intier tagħha r-relazzjoni tal-perit legali mingħajr ma għamlet deliberazzjonijiet hi stess, meta l-istess relazzjoni kienet:

(a) monka għaliex iddikjarat li l-bażi tal-kawża tal-attur kienet diversa minn dik li attwalment kienet; u

[2] Fol. 293 – 294.

(b) nieqsa minn apprezzament xieraq tal-provi, *inter alia* billi ma tagħmel l-ebda referenza għat-tieni skrittura bjen il-partijiet.

Jgħid li b'hekk l-ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin u żbaljat fl-apprezzament tal-fatti; u

ii. applikat il-liġi ħażin għal dak li jirrigwarda l-prinċipji legali applikabbli għall-każ in eżami, għal dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova kif ukoll l-obbligi naxxenti minn kuntratt t'appalt, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni fatti allegati mill-konvenut appellat meta dan lanqas biss ifformula l-istess allegazzjonijiet f'xi waħda mill-eċċezzjonijiet imqajma minnu.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

4. Fl-ewwel aggravju l-attur ilmenta li wieħed jieħu l-impressjoni li l-attur kien qed jimputa l-ħsara li sofriet il-*gearbox tal-vettura* tiegħu lill-konvenut, meta dan m'huwiex il-każ. Isostni li l-lanjanza u l-bażi tal-azzjoni għad-danni hi bażata fuq il-fatt li meta inkariga lill-konvenut biex isewwilu l-ħsara li kellha l-*gearbox* tal-vettura, indipendentement mis-sors tal-istess ħsara, l-appellat naqas milli jagħmel dan u kien tali nuqqas li wassal għad-danni sofferti mill-attur. Kompla li qatt m'allega li l-konvenut kien jaħti għall-ħsara fil-gearbox. Żied li l-Perit Legali kien

selettiv għal dak li jirrigwarda l-provi u x-xhieda li kkunsidra u b'hekk ġie ndott fi żball, l-istess żball li għamlet l-Ewwel Qorti meta adottat *in toto* r-relazzjoni peritali. Hekk per eżempju l-Perit Legali għamel referenza għall-ewwel skrittura u mhux għat-tieni. Żied li wkoll għal dak li jirrigwarda l-kronoloġija tal-fatti, il-Perit Legali straħ fuq dak li qal il-konvenut meta d-dokumenti u x-xhieda jmeru l-verżjoni tiegħu.

5. Il-konklużjoni tal-Perit Legali kienet is-segwenti:

> *"Illi għalhekk hija l-umli fehma ta' l-esponenti li l-attur ma rnexxilux jipprova bl-ebda mod xi ness kawżali bejn l-egħmil ta' l-intimat u l-ħsara minnu allegati, u oltré dan, jidher illi l-istess attur, bl-għemil u l-għażliet tiegħu stess, kien responsabbli għal kwalsiasi danni li seta' ġarrab wara li aċċetta volontarjament illi isewwi l-magna tat-trakk tiegħu għand persuna mhux awtorizzata taħt it-termini tal-garanzija (abbażi tal-prinċipju volenti nin fit injuria), u wara li naqas ulterjorment milli jottempora ruħu mal-obbligi minnu assunti fl-iskrittura privata biex ta' lanqas, jiġu minimizzati kwalunkwé danni li seta' jsofri minħabba xi dewmien.*
> *"Konsegwentement, hija l-umli fehma ta' l-esponenti illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda u l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat ossija dik fejn jingħad illi l-ħsarat ġew kaġonati mill-aġir abbużiv u negliġenti da parti ta' l-attur milqugħa, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

6. L-ewwel Qorti qalet:-

> *"...*
>
> *"L-attur intavola kawża għad-danni li sofra għaliex skond hu l-intimat naqas li jeffettwalu x-xogħlijiet.*
>
> *"Il-Qorti wara li rat u ezaminat il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Patrick Valentino tqis illi dawn ghandhom jigu milqugha u l-Qorti ma taghraf ebda raguni 'l ghaliex ghandha twarrab l-istess ...*
>
> *"Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-kwistjoni dwar min kien responsabbli ta' l-allegati danni li sofra l-attur, tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati, partikolarment l-ewwel eccezzjoni li tittanta titfa' t-tort ta' l-akkadut u danni konsegwenzjali fuq aġir abbusiv u neġliġenza imputabbli lill-attur.*

*"Illi għalhekk, fil-każ odjern, jehtieg qabel xejn jiġu stabbiliti il-fatti in kwistjoni u r-rabta taghhom ma d-danni li allegatament ġarrab l-attur. B'din l-analiżi, wieħed ikun f' qagħda jagħmel il-kostatazzjonijiet dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid konsegwentment jagħmel tajjeb għalih. Jibqa' l-obbligu li l-attur iġib provi tajba biżżejjed biex jissostanzja t-teżi tiegħu li l-intimat huwa responsabbli. Il-fatt wahdu li sofra allegati danni ma huwex biżżejjed sabiex jimputa tort lill-intimat.*

*"Illi skond l-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 kulħadd irid iwieġeb għall-egħmil jew nuqqas ta' egħmil tiegħu....*

*"... jirriżulta illi l-attur jirrikonoxxi li 'Kienu tal-Kia Motors li lilna x-Xufiera li konna xtrajna x-xarabanks ta' l-għamla King Long kienu qalulna li għal dak li jirrigwarda service tal-vettura u tiswijiet, kellna dejjem immorru għand Martin Chetcuti l-konvenut:*

*"Emanuel Cutajar il-mechanic li għamel dan ix-xoghol tal-mounting, spjega, illi huwa lanqas waħħal spare parts originali iżda sostna 'Dak iż-żmien supplies tal-fabbrika ma kienx hawn u bħal ma għamel ħaddieħor jiena iffittjajtlu żewġ prodotti minn Malta'...! Sfortunatament xi xahrejn wara illi ffitjajna dawn il-mountings, ... dawn inqasmu – Vide fol. 108. Cutajar jispjega li konsegwenza ta' dan ikun hemm ħsara oltre fil-magna għaliex din taqa'. Cutajar irrikonoxxa li kien għamel xogħol ħażin, u meta gie mgħarraf bl-akkadut kien hu stess li bagħat lill-attur għand il-mechanic awtoriżżat ossija l-intimat li, fi kliem l-istess xhud 'Il-mechanic tiegħu neħħa din is-sieq (mounting) li kont għamiltlu jien u iffittjalu oħra minn tiegħu.'*

*"Illi dan hu konfermat mit-testimonjanza ta' l-istess attur, illi ftit wara li sar dan l-intervent, inbidlu l-mountings tal-magna...*

*"Illi sussegwentement wara din l-isfortuna, l-attur din id-darba kif kien indikat lilu li kellu jagħmel f' kaz ta' ħsara,* ***u kif messu kien jaf u fil-fatt kien jaf mill-bidu nett, irrikorra għand l-intimat sabiex jirrimedja l-ħsara****, u ma marx reġa' għand min kien fl-ewwel lok sewwielu ...*

***"Hu (l-konvenut) qalli imma garanzija m' għandekx fuq din għax l-ewwel darba mort għand ħaddieħor'... Jien (l-attur) għedtlu li ma kienx hemm x' tagħmel. <u>Kont ser nerfa' l-ispejjes jien għax kelli bżonn it-truck sabiex naħdem</u>'***

*"Illi jidher illi wara dan l-intervent, it-truck tlesta vicin id-disgħa (9) ta' April elfejn u sitta (2006) iżda meta l-attur ħareġ bih mingħand l-intimat ftit jiem wara rriskontra li donnu l-problemi kienu għadhom presenti peress illi l-attur jgħid li kien sab xi ilma fil-gearbox.*

*"Illi ma jirriżultax mill-kumpless tal-provi,* ***is-sors tal-ilma****, jirriżulta biss mir-rapport mibgħut mill-kumpannija estera li għamlet xogħlijiet ta' testing, li dan ma kienx ilma tal-magna coolant- vide Dok MC1. Wieħed*

*jista biss jispekula, għalkemm dan ma jirriżultax in atti, li l-ħsara kienet konsegwenza tal-waqa tal-magna meta din issewwiet għand terz mhux awtorizzat. Fi kwalunkwe kaz, ma tezisti ebda xrara ta' prova li torbot ix-xoghol li ghamel l-intimat mal-hsara li sussegwentement zviluppat fil-gearbox.*

*"Illi t-truck reġa ttieħed għand l-intimat għat-tiswija u huwa f'dan il-mument fejn donnu skalaw il-problemi peress illi l-gearbox kellha bżonn tintbagħat barra u l-intimat kien qed jinsisti li jkun hemm garanzija ta' ħlas qabel ma jisborsa l-ispejjes tat-traġitt.*

*"Illi l-kontendenti ftehmu illi tiġi redatta skrittura fil-presenza tan-Nutar Mario Bugeja a fol. 7, nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju elfejn u sitta (2006) fejn wara li premettew illi gearbox tat-truck kien meħtieġ li tintbagħat barra minn Malta għat-tiswija, 'Carmel Farrugia qed jintrabtat li jħalli man-nutar Dr, M. Bugeja **sa 15 il-ġurnata mill-lum** sabiex ikopri l-ispejjes......' u cioe' depozitu fl-ammont ta' Lm 1,500*

*"Illi jirriżulta mill-affidavit ta' l-istess nutar illi dawn il-flus qatt ma ġew depositati miegħu ...*

*"Illi jirriżulta illi wara dan, il-gearbox intbagħtet l-Italja għat-tiswija u jidher li ssewwiet mill-ħsara li kien fiha. Ma jirriżultax li din ingiebet lura Malta peress illi barra minn Malta ovvjament kienu qed jippretendu ħlas mingħand l-intimat għax-xogħol li sar – vide fol. 81, filwaqt illi l-intimat kien qed jippretendi li jiġbor il-flus mingħand l-attur kif l-istess attur kien obbliga ruħu li jagħmel fl-iskrittura fuq imsemmija, izda l-attur baqa jippersisiti u reġa għażel li jagħmel ta' rasu u ma jonorox għal darba oħra l-obbligi minnu assunti fil-presenza tan-Nutar Dott. Mario Bugeja. Dan **minkejja l-fatt illi ħsara kienet issewwiet f' 30 ta' Ġunju 2006** kif jirriżulta mill-fattura annessa Dok CF16 a fol.81.*

*"Illi jidher illi l-attur ma ħallas xejn lill-intimat u konsegwentment l-gearbox qatt ma twaħħlet. Ma huwiex ċar jekk din inġiebitx lura Malta għaliex meta l-Marixxalli marru sabiex jesegwixxu mandat ta' qbid din ma nstabitx – vide fol. 75. Sussegwentment, wara żmien f' April 2007, (kważi sena wara li kellu jsir il-ħlas kif patwit mill-attur) u **kważi sena ukoll wara kif jidher mill-fattura ta-soċjeta' estera l-gearbox kienet issewwiet, l-attur għażel li jmur u jirmonka x-xarabank mingħand l-intimat u jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali band oħra**.*

*"...*

*"Il-Qorti taghraf aktar minn hekk, li kieku l-attur ma għażilx li jsewwi s-sieq tal-magna għand mechanic mhux awtorizzat minn KIA Motors Limited, l-attur x' aktarx ma kienx jispiċċa fis-sitwazzjoni li tagħat lok għal din l-azzjoni."*

7. Il-Qorti ma taqbilx li l-ewwel Qorti tat l-iktar importanza fuq il-fatt li l-ħsara fil-*gearbox* tax-xarabank ma saritx mill-konvenut. Fis-sentenza l-Qorti ikkunsidrat ukoll 'il fatt li l-attur m'onorax il-parti tal-ftehim tiegħu, ċioe` dak li jirriżulta mill-iskrittura tal-5 ta' Ġunju 2006 (ara paġni 11 u 12 tas-sentenza).

8. Irid jiġi determinat: (i) xi ftehim kien hemm bejn il-partijiet; (ii) jekk hux minnu li l-appellat naqas milli jonora l-obbligi; u (iii) f'każ li jirriżulta li dan huwa minnu, jekk tali nuqqas huwiex il-kaġun tad-danni pretiżi mill-appellant.

9. Il-Qorti hi tal-fehma li jkun utli li ssemmi l-punti prinċipali li jirriżultaw mill-verżjonijiet li taw il-partijiet fil-kawża.

10. Fl-affidavit l-attur[3] irrakkonta kif:

10.1. Xtara xarabank tal-għamla *King Long* bin-numru EBY 507 mingħand KIA Motors fis-17 ta' Ottubru 2003.

10.2. Madwar April tal-2005, kellu ħsara fil-*mountings* tal-magna. Qal li l-konvenut u/jew il-lavranti tiegħu ma qdewhx u għalhekk mar għand *panel beater,* Zinnu Garage, li għamillu

---

[3] Fol. 58 *et seq*.

*mountings* ġodda. Madanakollu, wara xahar marret sieq tal-ħadid li kienet qed iżżomm il-magna u b'hekk il-magna ddendlet. Għalhekk mar għand il-konvenut li għamillu *mountings* ġodda.

10.3. Wara 15-il ġurnata il-*gearbox* tal-istess vettura ma kinitx qed taħdem sew. L-appellant reġa' mar għand il-konvenut u lavrant tiegħu, ċertu Dennis, qallu li l-*gearbox* kienet qed tħallat iż-żejt mal-ilma u għaldaqstant kellha tinqala' u tintbagħat barra minn Malta għat-tiswija. Infurmah ukoll li ma kienx għad hemm il-garanzija peress li preċedentement kien sewwiha għand ħaddieħor. **L-appellant aċċetta li jħallas l-ispejjeż**.

10.4. Il-lavranti tal-konvenut qalgħu l-*gearbox* u bagħtuha l-Italja u rċevewha lura wara l-festi tal-Milied tal-2005. Iżda, skont l-attur, il-konvenut ħalliha xahrejn ġol-kaxxa biex jagħmlu xogħol għal ħaddieħor. Kien imbagħad f'April tal-2006 li waħħlu l-*gearbox* u meta tlestiet ħa lura x-xarabank fil-garaxx tiegħu. L-għada, x'ħin ħareġ mill-*garage,* ix-xufier Emmanuel Spiteri qallu li kien hemm iż-żejt mal-art fejn kienet ipparkjata x-xarabank. Għalhekk ħadha lura għand il-konvenut u l-lavrant tiegħu Dennis qallu li x'aktarx kien żejt żejjed. Marru dawra biha u l-vettura tqabbdet ma' *computer*. Skont l-appellant Dennis għamel xi tiswija u bdiet taħdem aħjar.

10.5. Madankollu l-magna baqgħet twaqqa' iż-żejt iżda meta ċempel lil Dennis dan tal-aħħar baqa' jsostni li dak kien żejt żejjed. Iżda l-vettura in kwistjoni kompliet tagħti l-problemi u b'hekk, xi 15-il ġurnata wara kien miftiehem li l-appellant kellu jerġa' jeħodha għand il-konvenut. Madanakollu, lejliet l-appuntament, il-vettura żviluppat ħsara waqt li kienet qegħda tinstaq fil-Floriana. Dennis mar fuq il-post u qal lill-attur li l-*gearbox* reġa' fiha l-ilma maż-żejt u li għalhekk kellha terġa tinqala' u tintbagħat lura l-Italja. Irmonkaw il-vettura lura għand il-konvenut, f'bitha li kellu wara l-garaxx;

10.6. Wara xahrejn ġej u sejjer għand l-appellat, l-appellant ġie nformat li qabel ma jħallas il-kont pendenti l-*gearbox* ma kinitx se tintbagħat barra. Kien għalhekk li mar għand il-KIA Motors fejn inġibditlu l-attenzjoni li kellu pagamenti neqsin iżda huwa weġibhom li ma setax iħallas għaliex ma kienx qiegħed jaħdem peress li x-xarabank kien wieqaf. Ninu Fenech qallu li kien ser ikun hemm in-Nutar Mario Bugeja għandhom u dderiġieh ikellmu biex issir skrittura. L-appellant jgħid li l-kont kien ta' Lm1,210 u fuq l-iskrittura ħallas Lm300. B'hekk in-Nutar infurmah li kien fadallu jħallas Lm910. L-appellant jgħid li wieġbu li kif titlesta l-*gearbox* u tiġi taħdem sew jagħtuha prova ta' ħamest ijiem u kien

lest iħallas il-bilanċ. Silvan tal-KIA Motors kien qallu li se jibgħatha hu;

10.7. B'referenza għall-iskrittura tal-5 ta' Ġunju 2006 (**Dok CF1**), jinsisti li huwa ħallas lill-konvenut kemm l-ammont ta' Lm395.30 (kont datat 10 ta' Mejju 2006) kif ukoll l-ammont ta' Lm542.39 (kont datat 6 ta' Ġunju 2006). Huwa mar ukoll sabiex jiddepożita s-somma ta' Lm1,500 għand in-Nutar iżda dan tal-aħħar qallu li ma kienx hemm bżonn.

10.8. Wara diversi xhur il-*gearbox* baqgħet ma twaħħlitx. L-appellant igħid li l-konvenut appellat irrifjuta li jwettaq ix-xogħol qabel iħallsu l-bilanċ dovut.

10.9. B'referenza għall-iskrittura l-oħra ta' Settembru 2006 (**Dok CF2**) igħid li s-somma ta' Lm910 tirreferi għall-kont ta' meta l-*gearbox* intbagħtet l-Italja l-ewwel darba iżda ma ħallasx għar-raġunijiet minnu spjegati. Isostni wkoll li kien biss wara li huwa fetaħ dawn il-proċeduri li l-konvenut bagħtlu l-kont maħruġ minn ZF Italia s.r.l. datat 10 ta' Awwissu 2006;

10.10. Sussegwentement ipprova jsib *gearbox* oħra biex jirranġa x-xarabank hu. Iżda, skont l-appellant, meta ċempel lill-appellat

sabiex itih iċ-ċwievet biex jirmonkah, dan irrifjuta. Kellu għalhekk iżarma l-*isteering wheel* biex jagħmel *lock* oħra. Inoltre, meta mar jirmonkah sab li kienu ġew misruqa diversi oġġetti minnu u għamel rapport l-Għassa (**Dok CF9** datat 13 ta' April 2007). Suċċessivament l-appellant irmonka l-vettura direttament għand Zinnu Garage li kien għamel il-preparamenti ħalli jitla' l-Ingilterra sabiex isib *gearbox* oħra *second hand.* Madanakollu, parts tal-*gearbox* mixtrija ma qablux u għalhekk l-vettura baqgħet ma ssewwietx;

10.11. Fil-frattemp, minn Awwissu 2006 għal madwar sena, l-appellant isostni li kellu jikri trakk ieħor lil Emmanuel Spiteri, ix-xufier tax-xarabank in kwistjoni. Dan inkera mingħand Zinnu Garage għall-prezz ta' Lm100 kull ħmistax-il ġurnata. Qabel ma għamel hekk, kien jagħti x-xogħol lill-ħaddieħor għall-prezz ta' Lm380 kull ħmistax biex ma jeħilx multi mill-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku;

10.12. Jgħid ukoll li f'Jannar jew Frar 2007 ġie kkuntattjat mill-Awtorita` għat-Trasport Pubbliku u ġie mogħti għaxart ijiem biex joħrog il-vettura in kwistjoni għax-xogħol. Skont l-appellant, meta spjegalhom li kien qiegħed ifittex *gearbox* qalulu li l-*gearbox* Malta qegħda u minnu jonqos għaliex ma kienx ħallas.

11. L-appellant xehed ukoll fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2008. Fost kjarifiki oħra jgħid li sabiex ikun jista' jibqa' jaħdem kellu jissellef is-somma ta' għoxrin elf lira Maltin (Lm 20,000).[4] Iżda aktar tard, fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2009 jgħid li kien issellef is-somma ta' Lm10,000 mingħand ċertu Albert Sammut sabiex reġa' xtara l-affarijiet li kien sab misruqa meta l-vettura kienet miżmuma għand il-konvenut. Spjega li dan Sammut effettivament fetaħ proċeduri ġudizzjarji kontrih għal somma akbar (Lm23,000) iżda d-differenza huma kollha imgħaxijiet.

12. Da parti tiegħu l-konvenut xehed[5] li huwa kellu arranġament ma' KIA Motors biex jagħmel tiswijiet fuq vetturi mibjugħa minnhom tal-marka *King Long*. Kien f'Ġunju tal-2006 li Sylvan Fenech tal-KIA Motors bagħat għandu lill-attur sabiex tissewwa l-*gearbox* tad-ditta ZF tax-xarabank. Kien jaf li l-attur kien qabel għamel tiswijiet fil-vettura għand ħaddieħor u għalhekk il-garanzija ma baqgħetx valida. Madanakollu l-attur aċċetta li jħallas għall-ispejjeż sabiex issir it-tiswija. Qal li l-attur ma kellux *record* tajjeb fi ħlas u kellu xi pendenzi preċedenti. B'hekk kienu għamlu skrittura għand in-Nutar Mario Bugeja dwar il-modalita` tal-ħlas u konsegwentement il-*gearbox* intbagħtet immedjatament l-Italja għat-tiswija. Fuq l-imsemmija skrittura l-attur ħallsu Lm400 liema ammont kien ilu pendenti fuq xogħol ieħor. Ġie miftiehem ukoll li l-attur kellu

[4] Fol. 95.
[5] Fol. 281 *et seq*.

jiddepożita Lm1,500 għand in-Nutar fi żmien ħmistax-il ġurnata sabiex malli l-*gearbox* tissewwa', titwaħħal f'postha u taħdem tajjeb, in-Nutar jgħaddilu l-flus. B'hekk kellu garanzija ta' ħlas filwaqt li l-attur kellu garanzija li l-flus ma kinux se jitħallsu qabel il-*gearbox* jitranġa u l-vettura taħdem sew. Huwa ma qagħadx jistenna l-ħmistax-il ġurnata jgħaddu u bagħat il-*gearbox* l-Italja għat-tiswija mill-ewwel. Iżda l-attur qatt ma ħalla dawn il-flus għand in-Nutar. Tliet xhur wara, fl-4 ta' Settembru 2006 saret skrittura oħra. Minnha jirriżulta li l-attur ħallas Lm300 akkont fuq il-*gearbox* u kien fadallu pendenza ta' iktar minn Lm900. Iżid jgħid li fit-30 ta' Ġunju 2006, ZF Italia S.r.l. ħarġu fattura oħra għax-xogħol li għamlu fuq il-*gearbox* tax-xarabank tal-attur fl-ammont ta' €2,911.81 (Lm1,281.19). Ilum il-ġurnata jaf li l-problema li kellha l-vettura tal-attur kienet tal-fabbrika u għalhekk *se mai* l-attur għandu jressaq il-pretensjonijiet tiegħu kontra KIA Motors mhux kontrih.

13. Għal dak li jirrigwarda l-<u>ftehim bejn il-partijiet</u>, minn dawn il-verżjonijiet u xhieda oħra in atti, jirriżulta li:-

13.1. Għal ħabta ta' Ġunju 2005, l-appellant mar għand l-appellat sabiex jagħmillu l-*mountings* tal-magna tax-xarabank in kwistjoni. Dan ix-xogħol sar u ma jirriżultax li kien hemm problemi ulterjuri bil-*mountings per se*;

13.2. Wara xi ħmistax, il-*gearbox* bdiet taħdem ħażin.[6] L-appellant reġa' mar għand l-appellat għat-tiswija u aċċetta li jħallas sabiex il-*gearbox* tintbagħat l-Italja u tissewwa hemmhekk;

13.3. L-appellat effettivament bagħat il-*gearbox* għat-tiswija għand il-kumpanija manufattriċi (ZF) ġewwa l-Italja. Għalkemm il-*gearbox* ġiet lura mill-Italja f'Diċembru tal-2005, twaħħlet fil-vettura tal-appellant f'April tal-2006 u sussegwentement l-appellant ħadha lura fil-garaxx tiegħu;

13.4. Il-*gearbox* iżda baqgħet bl-istess problema u ttieħdet lura għand l-appellat. Dan infurmah li kellu kont pendenti u qabel ma jitħallas ma kienx se jerġa' jibgħat il-*gearbox* l-Italja;

13.5. Kien għalhekk li saret skrittura fil-5 ta' Ġunju 2006, permezz ta' liema ġie miftiehem:-

> *"Bis-saħħa tal-preżenti Carmel Farrugia I.D. 371967(M) u Martin Chetcuti I.D. 560645(M) qed jiftehmu li Martin Chetcuti fis-6 ta' Ġunju, 2006 irid jibgħat l-gearbox tax-xarabank Reġister Number EBY-507 barra ħalli tiġi msewwija.*
>
> *"Fl-istess waqt Carmel Farrugia qed jintrabat li jħalli man-Nutar Dr. M. Bugeja sa 15-il ġurnata millum Lm1500 sabiex ikopri l-ispejjeż nvoluti li jridu jitħallsu lil Martin Chetcuti sa ġimgħa li titwaħħal il-gearbox f'postha u tkun tajba u taħdem. Ser jitħallsu llum stess Lm400 dovuti ta' xogħol ieħor lil Martin Chetcuti mingħand Carmel Farrugia."*

[6] l-appellant mhux qed jimputa din il-ħsara lill-appellat.

13.6. L-appellat ma qagħadx jistenna l-ħmistax-il ġurnata sabiex l-appellant jiddepożita l-flus man-Nutar iżda qabad u bagħat il-*gearbox* l-Italja għat-tiswija;

13.7. L-appellant jikkontendi li huwa mar jiddepożita s-somma ta' Lm1,500 għand in-nutar iżda dan tal-aħħar qallu li ma kienx hemm għalfejn. In-nutar in kwistjoni xehed li ma jiftakarx li tali somma tħalliet miegħu.[7] Il-Qorti ma tarahiex verosimili li n-nutar qal lill-attur li ma kienx hemm bżonn jagħtih il-flus, meta ma jirriżultawx xi fatti li jiġġustifikawh igħid hekk.

13.8. Fit-30 ta' Ġunju 2006 ZF Italia S.r.l. ħarġet kont għal €2,911.81.[8] Il-konvenut xehed li l-*gearbox* intbagħtet lura mill-Italja wara li KIA Motors ħallset l-ispejjeż.[9] Jekk hu hekk ma jirriżultax meta nġiebet lura Malta. Mir-riferta tal-mandat ta' qbid numru: 826/07 li nħareġ fl-1 ta' Ġunju 2007 jirriżulta li l-uffiċjal eżekuttiv kien infurmat mill-konvenut li, *"l-gear box tal-magna tal-għamla King Long bagħtuha barra minn Malta għat-tiswija għand il-kumpannija Z.F. fl-Italja jew il-Ġermanja u għalhekk ma stajtx narah biex niċċekja in-numru tagħha"*. Madankollu minn email li d-difensur tal-appellant bagħat lil ZF (datata 8 ta' Diċembru

[7] Fol. 285.
[8] Fol. 81 u 282.
[9] Fol. 176.

20008), jidher li l-*gearbox* kienet fil-fatt reġgħet intbagħtet lura Malta.[10]

13.9. Fl-4 ta' Settembru 2006 saret skrittura oħra quddiem l-istess Nutar li tattesta s-segwenti:

> *"Bis-saħħa tal-preżenti Martin Chetcuti jiddikjara li qed jirċievi mingħand Carmel Farrugia, Lm300 akkont tal-prezz ta' gearbox tal-karozza tal-linja EBY-507.*
>
> *"Bilanċ dovut hu ta' Lm910.*
>
> *"Carmel Farrugia qed jintrabat li jħallas kull kont ieħor fuq l-istess gearbox."*

13.10. Skont l-appellant stess din it-tieni skrittura tirreferi għall-kont ta' meta l-*gearbox* intbagħtet l-Italja **l-ewwel darba**:

> *'B'referenza għall-iskrittura ta' l-erbgħa ta' Settembru tas-sena 2006 (Dok CF2) dawk l-ammonti jirrappreżentaw l-kont ta' Martin Chetcuti meta bagħat il-gear box l-ewwel darba barra minn Malta kif jirriżulta mil-fattura hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CF10  Is-somma ta' LM910 jiena ma ħallasthomx għall-istess raġunijiet li spjegajt qabel. '*[11]

13.11. Effettivament, **Dok CF10** a fol. 66 jirreferi għal xogħol fl-ammont ta' Lm1,210.57 imwettaq mill-appellat bejn Novembru u Diċembru tal-2005.

13.12. B'ittra legali datata 20 ta' Lulju 2007, il-konvenut sejjaħ lill-attur sabiex iħallas is-somma ta' Lm1281.19 li hu l-kont għax-

[10] Fol. 267.
[11] Fol. 61.

xogħlijiet li saru minn ZF Italia fuq il-*gearbox* u fir-rigward ta' liema l-istess kumpanija estera ħarġet kont datat 30 ta' Ġunju 2016.

14. Isegwi minn dan li **ż-żewġ skritturi bejn il-partijiet jirreferu għall- kontijiet/pendenzi <u>separati</u>**:-

14.1. It-tieni waħda tal-4 ta' Settembru 2006, tirreferi għal xogħol li kien diġa` imwettaq mill-appellat f'Novembru u Diċembru 2005 meta l-*gearbox* intbagħtet l-Italja <u>għall-ewwel darba</u>. Total tal-kont kien Lm1210.57.[12] B'dik l-iskrittura **l-appellant obbliga ruħu li jħallas il-bilanċ**. Jekk deherlu li ma kellux iħallas dak il-kont għaliex ix-xogħol ma sarx sew, dak kellu jarah qabel iffirma l-iskrittura;

14.2. Min-naħa l-oħra l-iskrittura tal-5 ta' Ġunju 2006 tirreferi għad-depożitu ta' Lm1,500 li l-appellant kellu jagħti lin-Nutar Mario Bugeja **<u>sal-20 ta' Ġunju 2006</u>**. Fl-istess skrittura jingħad ukoll li l-appellant ħallas Lm400 iżda dan jirreferi għal xogħol li skont l-appellant huwa a saldu ta' *invoice* datata 10 ta' Mejju 2006;[13]

[12] Kopja tal-kont a fol. 66.
[13] Fol. 71.

15. Huwa minnu li fl-iskrittura tal-4 ta' Settembru 2006 jingħad ukoll li l-appellant *'qed jintrabat li jħallas kull kont ieħor fuq l-istess gearbox'.* Żgur iżda li dak il-kliem ma jħassarx dak li ftehmu fl-iskrittura tal-5 ta' Ġunju 2006.

16. Il-Qorti qed tifhem li l-frażi *'Carmel Farrugia qed jintrabat li jħallas kull kont ieħor fuq l-istess gearbox'* ġiet inserita minħabba l-fatt li l-*gearbox* in kwistjoni kienet intbagħtet it-tieni darba l-Italja għat-tiswija u ZF Italia S.r.l. kienet ħarġet kont għas-somma ta' €2,911.81[14] fil-konfront tal-kumpanija tal-appellat. Dan apparti li fit-tieni skrittura ma ntqalx li l-ftehim tal-5 ta' Ġunju 2006 ma baqax igħodd.

17. Skond Matthew Fenech direttur ta' Commercial Vehicles Imports Limited (seduta tal-4 ta' Marzu 2009), il-*gearbox* spiċċat inxtrat minn Commercial Vehicles Imports Ltd għall-prezz ta' €4,000. Qal li sar hekk sabiex *"jinqeda biha Carmelo Farrugia"*. Il-Qorti ma fehmitx mingħand min inxtrat il-*gearbox*. Jista' jkun li ried ifisser li tħallsu l-kontijiet li kien hemm mad-ditta estera li għamlet it-tiswijiet. Pero` m'huwiex ċar. Lanqas mhu ċar meta l-*gearbox* inġiebet lura Malta. Li hu żgur hu li sal-aħħar ta' Lulju 2007, ZF Italia kienet għadha qegħda tikteb lill-konvenut li ma tħallsitx. Pero` jidher li f'xi żmien il-gearbox reġgħet spiċċat għand il-konvenut, tant li f'email datata 8 ta' Diċembru 2008 li d-difensur tal-attur

[14] Fol. 81.

bagħat lil ZF Italia,[15] kiteb: *"Per la terza volta consecutiva in questi tre anni, dopo che il pezzo di ricambio e' stato montato sul motore, sono sviluppati dei problemi"*.

18. L-attur ma ta l-ebda raġuni valida li b'xi mod tista' tiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jagħmel id-depożitu kontemplat jew iħallas il-kont ta' ZF Italia S.r.l. Jidher li dik kienet il-kwistjoni kollha. Jekk qiegħed jippretendi li ħallas dak kollu li kellu jħallas, il-provi juru xort'oħra. Il-Qorti għadha ma tistax tifhem l-ispejjeż kollha li l-attur igħid li għamel minħabba din il-kwistjoni, meta kull ma kellu jagħmel kien li jħallas il-kont. Żgur li ma kellux jedd jippretendi li l-kont ta' ZF Italia jħallsu l-konvenut. Kien l-attur li ma onorax il-parti tal-ftehim li għamel mal-konvenut u għalhekk dak li ġralu kien minħabba nuqqas tiegħu u mhux tal-konvenut.

19. Stabbilit x'kien il-ftehim bejn il-partijiet, jirriżulta li l-attur li naqas milli jħallas u/jew jiddepożita l-flus skond il-ftehim. L-attur baqa' inadempjenti fl-obbligazzjoni li kellu. Ma jistax imbagħad jilmenta fuq l-inadempjenza ta' ħaddieħor, dan irrispettivament jekk kien id-depożitu li kellu jsir skont l-iskrittura tal-5 ta' Ġunju 2006 jew it-tieni skrittura tal-4 ta' Settembru 2006.

20. Konsegwentement, dan l-aggravju hu miċħud.

---

[15] Fol. 267.

21. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant itenni li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi applikabbli. Jikkontendi li huwa sofra danni konsegwenza tal-fatt li l-konvenut appellat għamillu xogħol ħażin u drabi oħra lanqas biss għamel it-tiswijiet li kellu jagħmel. Jallega li l-appellat għamel minn kollox biex iwaqqfu milli jsewwi l-ħsara u b'hekk ċaħdu wkoll mill-possibilta` li jaħdem. F'dan ir-rigward irrefera għall-Artikoli 1031, 1125, 1133 u 1052 tal-Kodiċi Ċivili.

22. L-appellant jilmenta ukoll li d-difiża tal-konvenut hija limitata bil-parametri tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

23. Dan l-aggravju wkoll hu mingħajr bażi. Bħala attur l-oneru tal-prova kien fuqu. Irrispettivament mill-eċċezzjonijiet, kien jispetta lill-attur li jressaq prova ta' dak li allega. Għalkemm fit-tieni aggravju l-attur isostni li sofra danni minħabba li l-konvenut għamel it-tiswijiet, *"8...... b'mod ħażin għall-aħħar"*, ma ġabx prova ta' dan. Semma wkoll li drabi oħra l-konvenut m'għamilx it-tiswijiet li kellu jagħmel. L-istess m'hemmx prova ta' dan. Inoltre, dwar il-gearbox hu evidenti li t-tiswijiet kellhom isiru barra minn Malta, tant hu hekk li kien hemm qbil li l-konvenut jibgħat il-*gearbox* barra minn Malta sabiex issir it-tiswija. Kien fatt magħruf lill-konvenut li t-tiswija fil-gearbox ma kinitx ser issir mill-konvenut. Fatt li jissemma wkoll fl-iskrittura tal-5 ta' Ġunju 2006. Fil-fatt fiha ddikjaraw li l-partijiet qegħdin jiftehmu li, *"Martin Chetcuti fis-6 ta' Ġunju 2006 irid jibgħat l-gearbox tax-*

*xarabank Register Number EBY-507 barra ħalli tiġi msewwija"*. Għalhekk l-attur kien jaf mill-bidunett li l-konvenut ma kienx ser jagħmel tiswija.

24. Il-Qorti diġa` spjegat kif kien l-attur li naqas milli jwettaq obbligazzjoni.

25. Dwar l-allegata kontradizzjoni fil-verżjoni tal-appellat dwar jekk il-*gearbox* kinitx f'Malta meta mar il-Marixxal tal-Qorti sabiex jeżegwixxi mandat ta' qbid fuqha, din il-Qorti ma tikkunsidrax li dak il-fatt hu kruċjali għad-determinazzjoni tal-kwistjoni. F'kull każ, il-Marixxal tal-Qorti mar jeżegwixxi l-mandat ta' qbid fil-5 ta' Ġunju 2007.[16] Manuel Gatt in rappreżentanza tal-ADT fl-ebda waqt ma xehed li l-appellat qallu li l-*gearbox* kienet waslet lura Malta qabel dik id-data, kif allegat mill-attur. Kull ma qal il-konvenut lill-ADT permezz ta' ittra datata 21 ta' Mejju 2007 kien biss li '*bus 507 not ready because the owner never came to complete the works from last October 2006 and still has to pay nine hundred Maltese Liri (Lm900) for the previous work done.'*[17] Il-Qorti hija propensa temmen il-verżjoni tal-konvenut fis-sens illi l-*gearbox* intbagħtet lura mill-Italja wara li kienu ħallsu l-ispejjeż relattivi l-KIA Motors kif konfermat minn Matthew Fenech.[18] L-appellant ma ressaq l-ebda prova da parti ta' ZF Italia S.r.l sabiex jistabbilixxi dan b'ċertezza.

---

[16] Fol. 75.
[17] Fol. 118.
[18] Fol. 136.

26. Dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr